# Fis-Skiet

Diane Cutajar

Is-skiet.
Is-skiet jaffaxxinani.
Jerħini nintilef fil-ħsieb u jilluminani.
Iħallini napprezza l-lingwa tal-għajnejn
sa ma nismagħha tkellimni, tgħidli kelmtejn
li nitpaxxa naħseb dwarhom
u nipprova nifhimhom,
b'dak kollu li hemm mistur warajhom,
sakemm qalbi għalihom tħabbat bil-ħlewwa
u tweġiba tagħtihom.

Is-skiet.
Is-skiet ibeżżagħni.
Jitlaqni mitlufa fil-ħsieb u jinkwetani.
Iħallini bit-tama l'hemm lingwa fl-għajnejn
sa ma nintebaħ li muti, u lanqas kelmtejn
ma jibqgħu jgħiduli,
jibdew jaħarbuni u misteru jġibuni.
Sakemm mal-ħin iwarrbuni
u bil-ħtija tas-skiet
mill-veru jċaħħduni.

Is-skiet.
Is-skiet ilaqqagħni miegħi innifsi,
imma jħallini waħdi.

Is-skiet.
Is-skiet iħobbni,
imma jobgħodni.

Is-skiet.
Is-skiet qatt ma ħallieni fil-kwiet.